# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru LXI**
**Illum, il-Gimgha 8 ta' Gunju, 2001**

**Appell Nru 118/00**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Busuttil**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni (li tipotizza diversi reati) migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva (permezz ta' citazzjoni datata 20 ta' Jannar, 1999) kontra Joseph Busuttil fuq talba tad-Direttur tat-Telegrafija minghajr Fili, tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud talli fil-15 ta' Mejju 1996 u/jew f'xi data qabel instab li xjentement kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu "VHF Mariner" tal-marka "ICOM", tip IC-M67, *serial number* imnehhi u "VHF Mariner" tal-marka YAESU (Mariner), tip FTC1903, minghajr licenza tad-Direttur tat-Telegrafija minghajr fili, liema mportazzjoni ta' l-oggett/i hawn fuq imsemmi/ja hija projbita u/jew ristretta – valur ta' Lm220, dazju Lm14.30, valur totali Lm234. 30 u li fuqhom kellha tithallas taxxa fuq il-valur mizjud, liema taxxa tammonta ghal Lm35.14 – liema dazju/taxxa ma gewx imhalsa u/jew kawtelati, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 60(a)(b)(c)(k), u 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kap. 37, l-Artikolu 65 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att numru XII/1994), l-Artikolu 3(1) ta' l-Ordinanza tat-Telegrafija minghajr Fili, Kap 49, u "numru 85.25 ta' Supplies and Services Act, Kap 113[1], u Avviz Legali 163/1989";

Rat is-sentenza parzjali tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Mejju, 2000 li fil-parti dispozittiva taghha tghid hekk:

"Ghaldaqstant u filwaqt li tiddikjara l-azzjoni preskritta sakemm l-istess tolqot il-Kap. 117 u l-Avviz Legali 163/1989 u wkoll l-Att XII/1994 tordna li l-proceduri jitkomplew fir-rigward l-akkuzi l-ohra.

"Stante li l-akkuza li tolqot il-Kap. 49 giet irtirata tieqaf milli tiehu aktar konjizzjoni taghha.";

---

[1] **<u>Recte</u>:** 117

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fis-17 ta' Mejju, 2000, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza fis-sens illi din il-Qorti thassar u tirrevoka dik is-sentenza "f'dik il-parti fejn laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kwantu jirrigwarda l-akkuza taht il-Ligi Dwar it-Taxxa tal-Valur Mizjud u dik taht il-Kapitolu 117 abbinat mal-Avviz Legali 163 tal-1989, u tikkonfermaha fil-bqija";

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz in partikolari l-verbal ta' l-20 ta' Novembru, 2000 registrat quddiem din il-Qorti; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Ghalkemm l-Avukat Generali, ghal dak li jirrigwarda l-akkuza taht il-Kap. 117, cioe` l-Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi, jghid li l-piena applikabbli hija dik kontemplata fl-Artikolu 3(1)(h)(i) tal-imsemmi Kapitolu, cioe` prigunerija ta' mhux izjed minn sentejn, dan ma hux korrett. Il-paragrafu (h) imsemmi jipprovdi ghal dik li tista' talvolta tkun il-piena massima sabbilita fir-regolamenti maghmula taht l-Att in kwistjoni. L-Avukat Generali jghid ukoll fir-rikors tieghu li l-Avviz Legali 163/1989 ma jispecifika ebda piena applikabbli; pero` dana l-avviz legali kien biss "an amending legal notice", cioe` avviz legali li jemenda l-A.L. 48 ta' l-1969. Huwa dana l-Avviz Legali 48/1969[2] (kif sussegwentement emendat) li wiehed irid jezamina. Ghall-kaz in dizamina huwa applikabbli r-regolament 12(b) tal-imsemmija Regolamenti; dana r-regolament jipprovdi ghal multa ta' mhux anqas minn mitt lira izda mhux aktar minn hames mitt lira, jew prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn tlett xhur, jew dik il-multa u prigunerija flimkien. Dawn il-pieni jgibu periodu ta' preskrizzjoni ta' sentejn (Art. 688(e) tal-Kap. 9). Peress li l-imputazzjoni tirreferi ghall-15 ta' Mejju, 1996 jew xi data qabel, u peress li c-citazzjoni tal-Pulizija harget biss fl-20 ta' Jannar, 1999, hu evidenti li l-azzjoni ghar-rigward ta' xi reat taht il-Kap. 117 u taht l-*Importation Control Regulations* hija preskritta, kif gie korrettement dikjarat mill-ewwel qorti.

Kwantu ghar-reat taht l-Att XII ta' l-1994, pero`, l-Avukat Generali ghandu ragun. Id-disposizzjoni applikabbli hija dik kontenuta fis-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 65 tal-Att imsemmi, disposizzjoni li tipprovdi ghal piena massima ta' sentejn prigunerija. Konsegwentement il-preskrizzjoni hija ta' hames snin, skond l-Artikolu 688(d) tal-Kap. 9. Ma jistax jinghad, ghalhekk, li l-azzjoni fir-rigward tar-reat kontemplat taht l-Att XII ta' l-1994 kienet preskritta.

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti biss fejn iddikjarat l-azzjoni fir-rigward tar-reat taht l-Att XII ta' l-1994 preskritta, u minflok tiddikjara li dik l-azzjoni ma hix preskritta; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

[2] *Importation Control Regulations.*

**Il-Qorti tordna li l-atti ta' din il-kawza jigu minnufih mibghuta lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex dik il-qorti tkompli tisma' l-kawza fir-rigward tar-reati (ipotizzati fl-imputazzjoni) li ma gewx, minnha jew minn din il-Qorti, dikjarati preskritti.**

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur